**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Frar, 2018

Rikors Guramentat numru : 281/10 AL

**A B C**

**vs**

**D B C (ID 694458 M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elf disa mija u sebgha u disghin (1997) skont certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A:
2. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Settembru 2008;
3. Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet ma twieldux tfal;
4. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi u ingurji gravi kommessi mill-intimat fuq martu u htija ta' dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment minhabba inkompatibilita' ta' karattru;
6. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) anness u mmarkat Dok. B;

Talbet in vista tal-premess li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni ta' bejn il-konjugi B C minhabba sevizzi, eccessi u ingurji gravi kommessi mill-intimat fuq martu u / jew peress li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment minhabba inkompatibilita' ta' karattru;
2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti ghaliha personalment dik ir-retta alimentarja li dina il-Qorti joghgobha tiffissa skont il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha;
3. Ixxolji l-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess kommunjoni f'zewgt porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat billi tikkunsidra t-tortijiet kommessi mill-konvenut b'konsegwenza ta' liema z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment okkorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;
4. Tikkundanna lill-intimat jirritorna lir-rikorrenti l-assi parafernali kollha taghha;
5. Tiddikjara u tordna lil mara tirriverti ghal kunjom xbubitha, F;
6. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 u / jew 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi kif proposti, d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi huwa minnu illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrimedjabilment, pero' minhabba htijiet imputabbli biss ghal A B C, li tqabbdet fil-fatt tikkommetti adulterju ma' certu E T u li mieghu qed tghix f'konkubinagg sal-lum.

2. Illi minhabba is-suespost, m'hemm l-ebda lok li jigu mposti kontra l-esponenti s-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u/jew 50-55 tal-Kodici Civili, kif lanqas m'hemm ebda lok li l-intimat jigi ordnat ihallas lil martu xi manteniment billi wkoll martu tahdem.

3. Illi l-esponenti qieghed permezz ta' din ir-risposta jipprevalixxi ruhu minn dawn il-proceduri sabiex jintavola kontro-talba kif qed jaghmel biex huwa jissepara minn ma' martu minhabba htijiet imputabbli unikament lilha.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut, li perezz taghha jikkonferma :

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;

2. Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* minn Settembru, 2008;

3. Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet ma twieldux tfal;

4. Illi A B C irrendiet ruhha hatja ta' adulterju billi qabel ma' l-partijiet sseparaw minn xulxin de facto, kienet diga f'relazzjoni extra-maritali ma' certu E T kif ghadha sal-gurnata tal-lum.

5. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet saret impossibli minhabba sevizzi, eccessi u ingurji gravi kommessi minn martu fuq l-intimat u htija ta’ dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

6. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost iz-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru;

7. Illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghall--separazzjoni personali permezz ta’ digriet tal-Qorti Civii (Sezzjoni tal-Familja) anness u mmarkat bhala Dok, B;

8. Illi l-esponenti jaf b’dawn il-fatti personalment.

Talab in vista tal-premess li l-attrici tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni ta’ bejn il-konjugi B C minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi imputabbli unikament ghar-rikorrenti A B C kontra l-esponenti, kif ukoll u jekk ikun il-kaz minhabba li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti thassar irrimedjabilment minhabba nuqqas ta’ inkompatibilita’ ta’ karattru.

2. Tawtorizza lill-attur jghix separat minn ma’ martu l-konvenuta.

3. Tiddikjara illi minhabba l-adulterju li kkommettiet u ragunijiet ohra fuq imsemmija, r-rikorrenti A B C ddekadiet minn kull dritt li titlob xi forma ta’ manteniment minghand zewgha.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u tordna l-istess oggetti formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti in vista, inter alia tad-dati ta’ l-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess

rikorrenti ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati waha lill-esponenti u l-ohra lir-rikorrenti billi okkorrendo ghal finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel l-likwidazzjoni mitluba u jipproponi l-pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

5. Tikkundanna lir-rikorrenti tirritorna lill-esponenti l-assi parafernali kollha tieghu u li jinsabu fil-pussess taghha, filwaqt li tiddikjara illi minhabba r-ragunijiet fuq esposti, r-rikorrenti tilfet kull dritt li titlob lura minghand l-esponenti dawk l-oggetti kollha li hi kienet tatu bhala rigal waqt iz-zwieg jew qabel iz-zwieg in kontemplazzjoni taz-zwieg, filwaqt li tirritornalu dawk l-oggetti kollha li hu kien ta bhala rigal matul iz-zwieg jew qabel iz-zwieg in kontemplazzjoni taz-zwieg.

6. Tawtorizza lill-esponenti illi jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni kontra r-rikorrenti minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat id-dokumenti kollha esebiti, inkluż l-affidavits.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistenti Ġudizzjarji Dr. Barbara O'Brien u Dr. Anna Mallia, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-konvenut ippreżentata fis-27 ta' Diċembru 2017[1].

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum sabiex tingħata s-sentenza.

---

[1] Fol. 742

Il-Qorti tirrileva illi, għall-faċilita` tal-espressjoni u l-kjarezza, ser tirreferi invarjabbilment għal A B C bħala r-"rikorrenti" u/jew l-"attriċi" u għal D B C bħala l-"intimat" u/jew il-"konvenut" – u dan minkejja l-eżistenza tal-kontro-talba relattiva.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tiegħu l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba sevizzi, eċċessi, u nġurji gravi;
- Tapplika kontra l-konvenut id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 u/jew 50 sa 55 tal-Kodiċi Ċivili;
- Tikkundanna lill-konvenut iħallasha manteniment għaliha fir-rata li tiffissa din il-Qorti;
- Titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tagħha;
- Tikkundanna lill-konvenut jirritornalha l-assi parafernali tagħha;
- Titlob ukoll li tirriverti lura għal kunjom xbubitha F.

Tirreferi wkoll għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut illi permezz tagħha l-konvenut rikonvenzjonat jitlob lill-Qorti:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-attriċi minħabba adulterju, sevizzi, eċċessi u inġurji gravi minnha reżi fil-konfront tiegħu;
- Tiddikjara illi stante l-ħtijiet tagħha, l-attriċi ddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment mingħandu;
- Tittermina tal-komunjoni tal-akkwisti, taqsamha u tassenjaha;

- Tordna li l-attriċi tirritorna lill-konvenut l-krediti u propjeta` parafernali tiegħu u talbiet anċillari;

## 1. Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

L-attriċi tattribwixxi lil żewġha t-tortijiet tas-sevizzi, l-eċċessi u l-inġurji gravi, bħala r-raġuni għall-isfaxxar taż-żwieġ tal-partijiet. Min-naħa tiegħu, il-konvenut, filwaqt illi jaqbel illi ż-żwieġ tiegħu mal-attriċi sfaxxa, jinsisti li dana seħħ primarjament stante l-adulterju mwettaq minn martu.

### 1.1 L-allegati tortijiet tal-konvenut

Permezz tal-affidavit tagħha[2], l-**attriċi** tirrakkonta li hija u l-konvenut kienu żżewġu fl-1 ta' Frar 1997, meta hija kellha biss għoxrin (20) sena u l-konvenut kellu tmienja u tletin (38) sena[3]. Kienu ltaqgħu fuq il-post tax-xogħol. Tispjega illi fis-sena elfejn, il-partijiet fetħu negozju għal rashom fejn ħuha kellu wkoll sehem. Dan in-negozju mar ħażin u għalhekk bejn l-2003 u l-2007 huma bdew jospitaw l-istudenti barranin ġewwa darhom u anki l-leaders tagħhom.

Hija tilmenta illi żewġha kellu karattru dominanti li iktar m'għadda żmien iktar beda jiggrava. Tgħid illi kien impossibbli illi tiddiskuti miegħu għaliex dejjem ried ir-raġun. Kellu ħabta jgħajjat u jgħolli leħnu magħha għal kull ħaġa ta' xejn u kien jidgħi ħafna. *"Kont sirt narah qisu xi surmast jimponili dejjem x'għandi nagħmel u kont inħossni abbużata moralment."* Fuq talba tiegħu, hija marret tliet seduti ta' marriage counselling bħala l-aħħar tentattiv biex jiġi salvat iż-żwieġ iżda peress li l-konvenut ma kienx jammetti illi jonqos, ma kien hemm l-ebda punt ta' djalogu. Il- councillor kien taha l-parir li l-aħjar soluzzjoni kienet is-separazzjoni għax l-għixien taħt l-istess saqaf kien qiegħed jibda jipprovoka fiha dipressjoni minħabba l-attitudni dominanti tiegħu u minħabba l-abbuż verbali.

---

[2] Fol. 28

[3] Dana huwa kkonfermat miċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv li jinsab esebit fol. 10

Din ix-xiehda hija kkorraborata wkoll minn omm l-attriċi, **F G**, meta tgħid[4] *"Hu kien dejjem jgħid illi huwa m'għamel xejn ħażin u kien baqa' jinnega l-affarijiet li kienu jdejqu lil A. Hija kienet tgħidli illi filwaqt illi kellha r-rieda li tirranġa s-sitwazzjoni, l-attitudni tiegħu ta' suppervja u l-fatt illi ma setax ikollha djalogu miegħu kienu jiblukkawa".* Darb'oħra, l-istess xhud iddiskreviet lill-konvenut bħala "*dittatur*"[5].

L-attriċi żżid illi meta kienu jospitaw l-istudenti, żewġha xejn ma kien ikun soċjevoli. Kien ikun ħelu magħhom biss sakemm kien iħajjarhom joqogħdu għandhom iżda mbagħad kien jarahom biss bħala oġġetti. Ix-xogħol relatat mal-istudenti kienet tagħmlu kollu hi, minkejja li hija kienet taħdem ukoll f'uffiċċju, għaliex x'ħin jiġi mix-xogħol żewġha kien jintefa' fuq is-sodda jara t-televixin.

Tilmenta wkoll li minkejja li kien il-konvenut li kellu problema biex jitnisslu l-ulied fiż-żwieġ, ta' kull xahar meta kien ovvju li ma kinitx tqila kien jgħaddi xi kumment dispreġġjattiv fil-konfront tagħha, minkejja li hija ma kellha ebda ħtija għal dan in-nuqqas.

Iżżid li hi bdiet tħossha fgata u li l-konvenut kien qiegħed jaqla' ħafna affarijiet tant li hija bdiet tistmerr meta jsir il-ħin li tmur lura d-dar wara x-xogħol. Kien l-istess konvenut li ssuġġerixxa li tmur x'imkien għal ftit jiem u kienu ftehmu li tmur għand Y, ħabib tagħhom Franċiż. Meta ġiet lura, il-konvenut kien ostili magħha u ppretenda li fi tlett'ijiem 'il bogħod minn xulxin l-affarijiet ġew f'posthom, iżda meta hija qaltlu li l-affarijiet ma jitranġawx daqshekk malajr u li ma setgħetx titfa' l-problemi mal-ġenb, hu qalilha li kellha tagħżel immedjatament. Għalhekk hi marret toqgħod mal-ġenituri tagħha biex taħseb x'riedet tagħmel. Dan kien f'Settembru 2008. Hija bdiet tħossha diffiċli tmur lura ma żewġha għax bdiet tħoss li dan ma kien qiegħed jagħmel ebda sforz biex jinbidel. Ippruvaw ukoll ikellmu *marriage councillor* iżda ma rnexxilhomx isalvaw iż-żwieġ.

---

[4] Affidavit fol. 35

[5] Xiehda ta' Josephine DImech in kontro-eżami mogħtija fl-4 t'Ottubru 2013, quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja Dr. Anna Mallia, fol. 204 et seq.

Tgħid illi minkejja t-tentattivi tagħha sabiex jisseparaw bonarjament, il-konvenut ma riedx jammetti li ż-żwieġ tagħhom kien falla u għalhekk lanqas il-medjazzjoni ma wasslet imkien.

### 1.2. L-allegati tortijiet tal-attriċi

Permezz tal-affidavit[6] tieghu, il-**konvenut** jaqbel mal-verżjoni tal-attriċi li xehdet illi l-partijiet iltaqgħu fuq il-post tax-xogħol u wara sena għerusija kienu żżewġu fl-1 t' Frar 1997.

Iżda huwa ma jaqbilx mal-attriċi li xehdet li kien ikollhom ħafna argumenti fiż-żwieg. Għall-kuntrarju, huwa jgħid li dejjem sabu ftehim bejniethom kif ser isolvu l-problemi li kienu jinqalgħu fiż-żwieġ. Għalih, il-perjodu tal-qamar il-għasel flimkien ma' martu dam għal ħdax-il sena u ħames xhur - daqshekk kienu kuntenti fiż-żwieġ.

Jixhed illi l-inkwiet bejnu u bejn martu inqala' fl-2008 meta kien hawn Malta ċertu H I. Inizjalment dana kien jirrisjedi magħhom, iżda mbagħad il-konvenut iddeċieda li kellu jitlaq u dana stante li l-attriċi kienet qed tqatta' s-sigħat titkellem miegħu saħansitra sal-erbgħa ta' filgħodu. F'okkażjoni minnhom, l-attriċi xtaqet illi takkumpanja lil dan H sal-Gianpula biex tgħinu jsib xogħol hemmhekk bħala DJ. Meta l-konvenut qalilha li hu kien ser imur magħhom ukoll, l-attriċi għamlet in-nervi u qaltlu li hemmhekk ma kienx postu u fl-aħħar mill-aħħar ma kinux marru. Meta telaq mir-residenza tal-partijiet, dan H mar jirrisjedi għand omm l-attriċi u allura l-attriċi bdiet tqatta "countless hours" fid-dar tal-ġenituri tagħha u xi drabi kienet tirritorna d-dar fis-sagħtejn ta' fil-għodu. Omm l-attriċi aċċettat lil H f'darha in vista tal-ħbiberija tiegħu mal-attriċi u dana minkejja li hija ma kinitx soltu taċċetta l-ospiti jew studenti f'darha[7]. Il-konvenut jinsisti li kemm kienu ilhom miżżewġin, l-attriċi qatt ma qattgħet daqshekk ħin barra mid-dar u jiċħad li huma kienu jiġġieldu u jargumentaw kontinwament kif tallega hi fl-affidavit tagħha.

---

[6] Fol. 466

[7] Xiehda tal-attriċi in kontro-eżami mogħtija fis-27 ta' Marzu 2013, quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja Dr. Anna Mallia, fol. 180 et seq.

Jixhed illi wara li għex magħhom H, A inbidlet kompletament. *"She no longer wanted to have anything to do with me, she no longer wanted to be with me, to the extent that she told me that she wanted some time alone. She mentioned going to France, which is where H lived at the time, and I told her to take the time she needed, always thinking that it would help her and us, and so I funded the trip. I found out, about a year later that while there, she did not stay with Y L as she had told me she would, but she stayed with H. On her return, she told me that she was still very confused and while I wanted her to stay, she seemed to have made up her mind in so far as she did not want to be with me. This was in September 2008, just one month after H had stayed with us."*

Ħu l-konvenut, **J B C** xehed[8] illi minkejja li ħuh kien ta' spiss jitkellem miegħu u jitolbu xi parir, huwa qatt ma qallu li kien hemm xi problemi kbar bejnu u bejn martu. *"Illi jiena bħala persuna li effettivament stajt nosserva ir-relazzjoni ta' ħija u martu, u rajt lill-ħija u martu ji[k]bru flimkien tul is-snin, nista' nikkonferma illi il-problemi serji li iwasslu sabiex koppja ma tiqbax flimkien bejn ħija u martu bdew meta daħal fix-xena dan H. Illi jiena nemmen[t] li l-adulterju ta' A ma' dan H wassal biex iż-żwieġ jitkisser u jisfaxxa."* Ħuh ieħor, **K B C** xehed[9] *"Jiena kont narahom kuntenti u t-tnejn ma kellhomx x'igorru minn xulxin. Nikkonferma wkoll illi ħija dejjem tratta lil martu b'mod xieraq u kien jagħtiha dak kollu li trid."*

### 1.3 Prinċipji Legali: Dwar l-eċċessi, il-moħqrija u l-inġurji gravi

Il-Qorti fl-ewwel lok tagħmel referenza għall-<u>Artikolu 40</u> tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx***

[8] Affidavit fol. 591
[9] Affidavit, fol. 594

***għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius[10] ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[11] imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi[12] bħala bażi għas-separazzjoni personali.

Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[13], deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".* Fis-

[10] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 1967 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[11] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[12] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[13] Vol. XLV C.ii.708

sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom.”*

L-**eċċessi** ġew imfissra fl-istess sentenza appena ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud: *“eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta’ serjeta` kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta’ perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra”*.

## 1.4 Prinċipji Legali: Dwar l-Adulterju

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: “***Kull parti miżżewġa tista’ titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***”.[14] Di piu, l-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi “*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*”[15]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jagħti prova. F’dan l-istadju, l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[16] fejn ġie dikjarat li: “*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*”.

## 1.5 Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern

[14] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.
[15] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP)
[16] Deċiża nhar is-27 ta’ Novembru 2011 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP)

Mill-provi kollha miġjuba, il-Qorti  tara li m'hemm l-ebda dubju li l-allegazzjoni li l-konvenut huwa raġel pikuż u dominanti hija waħda veritiera. Dana jirriżulta anke mill-attitudni tiegħu li minkejja d-diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati li ma jagħtuhx raġun fil-konfront ta' terzi, huwa jibqa' jinsisti li kellu r-raġun. Anke meta wieħed iqis illi l-proċeduri odjerni trattaw biss l-aspett patrimonjali tal-ħajja konjugali tal-partijiet, in vista n-nuqqas ta' kwistjonijiet dwar xi ulied imnissla miż-żwieġ, il-konvenut qatt ma wasal biex jiffirma l-ftehim li l-partijiet waslu għalih verbalment għas-separazzjoni bonarja  bejniethom u dana l-Qorti tarah bħala t-tentattiv tiegħu biex jibqa' b'dan il-mod iżomm lill-attriċi marbuta miegħu, minkejja li huwa evidenti li hija bdiet ħajja oħra. Imma sakemm huma pendenti dawn il-proċeduri, hija għadha ma ġietx totalment rilaxxata u liberata minnu u b'hekk huwa għandu kontroll żgħir fuqha.

Illi minkejja dan kollu li għadu kemm ingħad dwar il-karattru tal-konvenut, illi fil-fehma tal-Qorti, huwa aġir sevizzjuz u li matul il-konvivenza matrimonjali kkawża inġurji gravi fuq l-attriċi, ma kienx dan il-karattru dominanti tal-konvenut li wassal għat-tkissir taż-żwieġ. Dana għaliex il-Qorti m'għandhiex dubju li din id-dominanza kienet teżisti mill-bidu nett bejn il-partijiet, tenut kont id-differenza fl-etajiet tal-partijiet, anke jekk forsi kienet dominanza iktar sottili. Illi l-attriċi kienet kuntenta bil-karattru tal-konvenut u għażlet illi tidħol għaż-żwieġ miegħu minkejja dan id-difett tiegħu. Effettivament il-partijiet għexu kuntenti flimkien għal iktar minn ħdax-il sena, bid-differenzi li seta kien hemm bejniethom. Ħadd ma ġiegħel lill-attriċi biex tiżżewweġ lill-konvenut, u minkejja d-dubji u r-riżervi li kellhom il-ġenituri tagħha, hija baqgħet għaddejja  biż-żwieġ miegħu.

Ġara iżda li fl-2008, daħal it-terz bejn il-partijiet, u anke *se mai* l-attriċi ma bdietx ir-relazzjoni intima miegħu sakemm kienet għadha tgħix mal-konvenut, minħabba l-ħlewwa ta' dan it-terz, bdiet tara lill-konvenut ikrah u dak li sa qabel kien aċċettabbli fil-karattru tal-konvenut, bil-mod il-mod sar ikrah u saħansitra mostruż, b'tali mod li r-relazzjoni bejn il-partijiet sfaxxat. Il-Qorti

tagħti piż lill-ittra mibugħta mill-istess attriċi lil żewgha[17] meta hija allontanat ruħha mid-dar matrimonjali. F'din l-ittra hija ma tirreferix għan-nuqqasijiet ta' żewġha fil-konfront tagħha, iżda sempliċiment tistqarr li hija kienet birdet minnu u tistiednu jibni ħajja ġdida mingħajrha, bħal ma kienet ser tagħmel hi, u kif effettivament għamlet. F'din l-ittra hija saħansitra tgħidlu li *"she feels more & more responsible for the situation..."*

Dwar l-adulterju li l-konvenut jallega li wettqet l-attriċi, dana jirriżulta mingħajr ombra ta' dubju u m'huwiex kontradett illi l-attriċi appena telqet mid-dar matrimonjali bdiet relazzjoni mas-sieħeb attwali tagħha li llum jiffurmaw nukleju familjari ġdid bi tliet ulied. Li ma jirriżultax ċar mill-provi, in vista li l-partijiet jikkontradixxu lil xulxin dwar dan, huwa meta bdiet ir-relazzjoni intima tal-attriċi mal-istess sieħeb, bl-attriċi tikkontendi li dan ma seħħx qabel ma l-partijiet kienu sseparaw *de facto*, u l-konvenut jinsisti li martu diġa kienet f'din ir-relazzjoni meta kienu għadhom jgħixu flimkien.

Kif diġa ntqal, il-Qorti hija tal-fehma li din l-attrazzjoni tal-attriċi lejn it-terz, xekklet kwalsijasi tama ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, bħalma xekkel ukoll il-fatt li l-konvenut qatt m'għaraf in-nuqqasijiet tiegħu lejn martu, biex b'hekk seta' jgħin lil martu terġa tara fih ir-raġel li miegħu trid tibni ħajjitha.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'hemm ebda raġuni għala m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u ssib li l-attriċi rrendiet ruħha ħatja t'adulterju fil-konfront ta' żewġha, u lill-konvenut li rrenda ruħu ħati ta' sevizzi u nġurji gravi fil-konfront ta' martu.

## 2. <u>Dwar l-applikazzjoni tal-effetti tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili</u>

Il-partijiet jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti tapplika fil-konfront tal-parti l-oħra l-effetti kollha jew *in parte* tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[17] Esesbita fol. 192

Kif diġa ntqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza illi trattat ir-responsabilita` tat-tkissir taż-żwieġ, iż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B C sfaxxa għal ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet.

It-tortijiet imputabbli lill-konvenut, ta' moħqrija u nġurji gravi, huma komminati fl-Artikolu 40 u għalhekk il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili, jekk tapplikax jew le d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48. Fil-każ odjern, jirriżulta li t-tortijiet huma abbastanza gravi sabiex il-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 illi jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[18];***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Inoltre, in segwitu għas-sejba tal-ħtija tal-adulterju kommess mill-attriċi fil-konfront ta' żewġha, il-Qorti ma tistax ma tapplikax ukoll fil-konfront tal-attriċi l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha appena ċċitati. It-tort tal-adulterju imputabbli lill-attriċi huwa komminat fl-Artikolu 41 u għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu u

[18] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

mhux sempliċiment id-diskrezzjoni li tapplika id-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-attriċi.

In vista tal-premess, il-Qorti qiegħda tapplika l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48, in toto, fil-konfront taż-żewġ partijiet.

## 3. Dwar il-Manteniment

L-attriċi fit-tieni talba tagħha, qiegħda titlob manteniment għaliha.

Fl-ewwel lok, jiġi rilevat illi l-attriċi f'dan l-istadju, għandha l-potenzjal kollu li tkompli żżomm lilha nnifisha materjalment, mingħajr il-ħtieġa ta' manteniment mingħand żewġha. Għadha żgħira fl-eta`, ta' ċirka tnejn u erbgħin sena u m'għandha ebda diffikulta` jew impediment sabiex tkompli taħdem u taqla' l-għixien tagħha bħalma dejjem għamlet.
Fit-tieni lok, il-Qorti tirrileva wkoll illi kif appena ntqal iktar 'il quddiem, l-attriċi instabet ħatja t'adulterju fil-konfront ta' żewġha l-konvenut u li għaldaqstant tilfet il-jedd tagħha ta' manteniment mingħand żewġha. Għaldaqstant hija ddekadiet mid-dritt tagħha illi titlob u tipperċepixxi manteniment mingħand żewġha ai termini tal-Artikolu 48(1)(d) tal-Kodiċi Ċivili.

Għaldaqstant, għal dawn iż-żewġ motivi, it-talba tal-attriċi sabiex jiġi likwidat manteniment favur tagħha qed tiġi miċħuda.

## 4. Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Krediti Parafernali tal-Partijiet

Propjeta' Immobbli
Rigward l-aspett patrimonjali, l-attriċi[19] tgħid illi kien il-konvenut li xtara maisonette bil-garage qabel iż-żwieġ, iżda li sakemm iżżewġu kien għad baqa' self ta' Lm15,000 mal-Bank of Valletta

[19] Fl-affidavit tagħha, paragrafu 4, fol. 29

p.l.c. Dan is-self kien jitħallas minn kont li fih iż-żewġ partijiet kienu jpoġġu l-pagi rispettivi tagħhom. Il-konvenut ma jaqbilx li kien hemm xi self li tħallas wara ż-żwieġ iżda jinsisti li huwa kien ħallas il-post kollu sa' qabel iż-żwieġ. Mill-kuntratt tal-akkwist fl-atti tan-Nutar Dr. Antoine Agius iddatat it-30 ta' Mejju 1995[20], effettivament jirriżulta illi l-konvenut kien ħallas is-somma ta' tnax-il elf Lira Maltija (Lm12,000) lill-venditur mal-kuntratt, filwaqt illi l-bilanċ tal-prezz u cioe is-somma ta' sitt elef Lira Maltija (Lm6,000) kellu jitħallas fi żmien sentejn, b'imgħax ta' tmienja fil-mija dekorribbli mid-data tal-kuntratt u pagabbli kull sena b'lura.

L-attriċi tgħid illi biex lestew ix-xogħolijiet bħalma huma it-tikħil u t-tqegħid tal-madum, il-madum u l-kmamar tal-banju, ix-xogħol tal-elettriku u l-ilma u x-xogħol tal-aluminju, hija kienet tħallas ukoll flimkien mal-konvenut[21]. Inoltre hija kienet xtrat il-lożor, ix-xugamani u l-fajjenza kollha, kif ukoll id-drapp tal-purtieri li ġew meħjutin minn ommha. Il-konvenut jinsisti li kien hu li ħallas waħdu għall-finishings kollha tal-post, għajr għall-għamara: *"I paid for the entire property and finishes of same on my own, firstly because it was my property and therefore I did not want A to get involved and secondly because I knew that A could not afford to help me pay for any of the expenses entailed to complete this project since she was paying off her car loan..."*[22] [23] Ħu l-konvenut, **J B C** xehed[24] illi huma dejjem taw il-parir lil ħuhom sabiex iħallas il-furnishings tal-post hu u dan sabiex ma jkollux inkwiet jekk jinqala' xi ħaġa bejnu u bejn A qabel iż-żwieġ.

Wara xi sentejn taż-żwieġ, huma biegħu l-ewwel dar matrimonjali tagħhom bil-prezz ta' Lm43,000[25] u xtraw[26] dar

---

[20] Kopja esebita fol. 476
[21] Affidavit ulterjuri tal-attriċi, fol. 56
[22] Affidavit tal-konvenut fol. 466
[23] Jirriżulta ippruvat mid-dokument esebit minn Audrey Ghigo rappreżentanta ta' HSBC Bank Malta p.l.c. fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2014 miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 286, illi l-attriċi fis-sena tal-għerusija kienet tagħmel pagament mensili ta' Lm74.00 sabiex tħallas self ta' Lm3,500 mogħti lilha mill-istess Bank.
[24] Affidavit fol. 591
[25] Kuntratt iddatat l-14 ta' Diċembru 1999, fl-atti tan-Nutar Richard Vella Laurenti, esebit fol. 493
[26] Kuntratt tal-akkwist fl-atti tan-Nutar Dr. Remigio Zammit Pace tat-30 ta' Ġunju 2000, fol. 500.

oħra fl-istess lokalita' li kienet fl-istat ta’ shell. Il-plot li fuqha inbniet din id-dar kienet inxtrat għall-prezz ta’ Lm30,000 iżda l-partijiet ħadu self ta’ Lm70,000[27] sabiex setgħu jixtruha (Lm27,000) u jillestuha (Lm43,000).

L-attriċi tispjega illi biex ħallsu xi dejn li daħlu fih, hija kellha tirhan id-deheb u d-djamanti kollha tagħha lil wieħed Taljan, ċertu Vito Mezzapelle, imma qatt ma rnexxielha tirkupra l-istess oġġetti[28].

Sussegwentement peress li ma kienux qed ilaħħqu mal-pagamenti tas-self huma biegħu[29] il-villa għall-prezz ta’ Lm233,000 u mir-rikavat tagħha ħallsu d-dejn li kien baqagħlhom ma’ Oak Limited u wkoll issaldaw id-debitu li kellhom mal-Bank. Kien baqa’ bilanċ ta’ Lm38,000 meta tħallsu d-djun kollha u dawn għadhom depożitati f’kont bankarju tal-Avukat Dr. Patrick Galea[30]. Dwar dan id-depożitu l-**Avukat Dottor Patrick Galea** xehed[31] illi l-ammont ta’ €81,090.81 jinsab depożitat f’kont bankarju f’ismu f’isem l-Avukat Dr. J L. Gauci. Huwa esebixxa l-istatements bankarji in sostenn ta’ dan.

Il-partijiet kienu wkoll għamlu konvenju[32] fuq appartament ġewwa Fort Cambridge Tas-Sliema li kien għadu fuq il-pjanta u ħallsu għaxra fil-mija (10%) tal-prezz tiegħu bħala depożitu fuq żewġ pagamenti. Illi sakemm ġew biex jersqu għall-kuntratt, il-partijiet ma baqgħux flimkien u għalhekk biex jinħallu mill-konvenju, huma tilfu depożitu sostanzjali li kien laħħaq Lm12,400[33].

---

[27] Is-*sanction letter* relattiva maħruġa mill-Bank of Valletta p.l.c. u ddatata it-3 ta’ Ġunju 2000 tindika li s-self kien maqsum kif ġej: Lm27,000 għax-xiri tal-plot, Lm23,000 għall-kostruzzjoni u Lm20,000 għat-tlestija, fol. 158

[28] Elenku tal-oġġetti li rahnet u l-ammont li tħallset tagħhom huwa esebit fol. 195

[29] Kuntratt tal-bejgħ fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Coppini iddatat 21 ta’ Mejju 2007, fol. 507

[30] Xieħda tal-attriċi in kontro-eżami mogħtija fl-10 ta’ Mejju 2013, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia, fol. 185

[31] Fis-seduta tas-26 ta’ Ġunju 2014 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 417 et seq.

[32] Iddatat it-18 t’April 2007

[33] Dan huwa kkonfermat mix-xiehda ta’ Paul Attard u mid-dokumenti minnu esebiti Dok. GAP 1 sa GAP 8, fis-seduta tad-29 ta’ Mejju 2014, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 383 et seq.

Meta biegħu il-villa, huma daħlu f'post mikri ġewwa Tas-Sliema, imma kellhom disgwid mas-sid. Għalhekk huma marru jgħixu f'appartament ġewwa s-Swieqi li kien żgħir. Kienu ordnaw kċina żgħira għal dan l-appartament u xi xogħolijiet żgħar bħalma huma *water heaters*.

Propjeta' mobbli

Dwar il-mobbli li l-partijiet akkumulaw fiż-żwieġ, hemm disgwid sostanzjali dwar dak li ġara minnhom. L-attriċi ssostni li hija ħadet biss ħwejjiġha meta telqet mid-dar matrimonjali u l-affarijiet kollha li xtraw matul iż-żwieġ kif ukoll ir-rigali tat-tieġ baqgħu fl-istess dar. Tgħid illi bl-għamara "żejda" li kellhom meta telqu minn Tas-Sliema lura lejn is-Swieqi, il-konvenut kien rama appartament ieħor li kien jamministrah hu, billi sidu huwa barrani. Hija esebiet[34] prospett ta' għamara li l-partijiet akkwistaw fiż-żwieġ u li hija tgħid li baqgħu fil-pussess tal-konvenut. *"Din l-għamara għadha għandu. L-għamara nxtrat matul iż-zwieġ u konna nfaqna xi Lm14,000."*[35]

Min-naħa tiegħu il-konvenut isostni li ċerti affarijiet indikati mill-attriċi, bħalma huma l-pożati tal-fidda u s-sett tal-ikel qatt ma marru fl-appartament tas-Swieqi, wara li huma telqu minn tas-Sliema, u li l-istess oġġetti, l-attriċi, li kienet organizzat it-traġitt lejn is-Swieqi, ħalliethom fir-residenza t'ommha. Inoltre huwa jżid li l-attriċi żammet iċ-ċwievet tad-dar matrimonjali għal iktar minn sena wara li kienet telqet minnha u li hija kienet tidħol regolarment biex tieħu li jfettlilha. Meta huwa fetaħ is-*safe deposit box* li kellhom, fejn huwa kien qiegħed ifaddal l-introjtu tiegħu sabiex ikunu jistgħu jixtru u jakkwistaw il-propjeta' ta' Fort Cambridge, huwa sab l-istess kaxxaforti kompletament vojta.

[34] Fol. 118

[35] Xhieda tal-attriċi mogħtija fl-4 t'Ottubru 2013 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 204

Vetturi u Qoxra tal-baħar[36]

Il-konvenut jixhed illi qabel iż-żwieġ huwa kellu cabin cruiser, Fort Tansit van, Honda Prelude, Golf GL, BMW 520 u BMW 518.

Il-konvenut partat il-Ford Transit u l-BMW 518 (akkwistat fit-23 t'April 1991) ma' Mira Motors biex l-attriċi setgħet tixtri Honda Civic ġdida fil-5 ta' Frar 1998. Il-kumplament tal-prezz tħallas bil-kambjali. Sussgwentement, il-Honda Civic, fid-9 t'April 2001 ġiet *part exchanged* ma' Fiat Bravo GT li swiet b'kollox Lm8500, bil-bilanċ tal-prezz jitħallas bil-kambjali. Din il-Bravo għadha fil-pussess tal-attriċi.

Il-Honda Prelude (akkwistata fis-7 ta' Mejju 1993) u l-BMW 520 intużaw bħala depożitu għall-akkwist fl-4 ta' Ġunju 1999 mill-konvenut ta' Peugeot 406 ġdida. Anke fuq din il-vettura, il-kumplament tal-prezz tħallas bil-kambjali. Il-Peugeot 406, inbiegħet fit-18 ta' Frar 2003 u r-rikavat ġie investit fis-soċjeta' kummerċjali Euro Imports Limited.

Fit-3 ta' Marzu 2005, il-konvenut xtara Peugeot 306 bil-prezz ta' Lm2000, li sussegwentement fis-16 ta' Jannar 2006 partatha ma' Renault Scenic ġdida, bil-bilanċ tal-prezz jitħallas bil-kambjali. Din ir-Renault Scenic għadha fil-pussess tal-konvenut.

Il-konvenut jixhed illi l-Golf GL li kien akkwista fl-14 ta' Diċembru 1994 u cioe qabel iż-żwieġ, inbiegħet bil-prezz ta' Lm6,500 fl-20 ta' Novembru 1998 u dawn il-flus intużaw għax-xiri tal-villa fi Triq Ħebb il-Qamħ.

Il-konvenut fid-29 ta' Lulju 2015 akkwista ukoll BMW 330 bin-numru tar-reġistrazzjoni FBQ747.

Id-dgħajsa li l-konvenut xtara qabel iż-żwieġ fit-28 ta' Ġunju 1993, inbiegħet fid-9 t'Awwissu 2001.[37] Ir-rikavat tagħha ta'

[36] Kif jirriżulta kemm mill-affidavit tal-konvenut u wkoll mix-xiehda ta' Karin Cremona in rappreżentanza ta' Transport Malta mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2016, fol. 641.

Lm9,000 mar nofsu fis-soċjeta' kummerċjali Euro Imports Limited u l-bilanċ fil-Villa tas-Swieqi.

L-attriċi qabel iż-żwieġ kellha Fiat Uno li biegħet wara ż-żwieġ sewwasew fit-13 ta' Ġunju 1997. Ir-rikavat mill-bejgħ ta' Fiat Uno ma kienx biżżejjed biex jiġi saldat is-self hija kellha ma' HSBC Bank Malta p.l.c. fuq l-istess vettura, u għalhekk huma ħallsu somma addizzjonali ta' €698.81 lil HSBC wara ż-żwieġ u cioe fis-27 ta' Settembru 2007.

L-attriċi tixtieq illi l-Qorti tagħtiha nofs l-affarijiet li ġew akkumulati fiż-żwieġ, id-dritt li hija żżomm il-vettura tat-tip Fiat Bravo, filwaqt illi l-konvenut iżomm il-vettura Renault Scenic. Tixtieq ukoll illi s-servizz tad-dawl u l-ilma tal-fond "Swieqi Residential Complex, Flat 3, Triq il-Qatta, Swieqi" jitneħħa minn fuq isimha u dana billi hija ilha ma tgħix fil-post mill-2008. Il-konvenut qiegħed jirrifjuta li jaqleb dan is-servizz fuq ismu minkejja li l-attriċi bagħtitlu ittra reġistrata b'dan l-iskop f'Lulju 2010.

Kontijiet bankarji

Mir-riċerka illi saret[38], jirriżulta illi l-partijiet kellhom żewġ *house loans* liema self ġie saldat qabel ma l-partijiet isseparaw *de facto*. Kellhom ukoll *credit card loans* iżda dawn ukoll ġew saldati qabel Settembru 2008. Il-kontijiet tat-tfaddil tal-partijiet fihom biss ammonti iriżorji.

Djun Akkumulati

Il-partijiet akkumulaw bejniethom numru sostanzjali ta' djun kemm personalment kif ukoll relatati man-negozju illi bdew fis-sena 2000, liema negozju kien mar ħażin u falla.

---

[37] Konfermat mix-xiehda ta' Michael Savona in rappreżentanza ta' Transport Malta mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2016, fol. 639.
[38] Xhieda tas-sur Romwald Attard in rappreżentanza ta' Bank of Valletta p.l.c kif ukoll tas-Sur David Galea in rappreżentanza ta' APS Bank Limited mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Barbara O'Brien fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2011, fol. 51

- Dejn ma' Oak Limited li ġie saldat sas-17 ta' Marzu 2011, meta l-kumpanija kreditriċi tat il-kunsens tagħha għall-kanċellament ta' ipoteki rreġistrati favur tagħha[39].
- L-attriċi tgħid[40] illi l-ġenituri tagħha ħadu self mill-HSBC Bank Malta p.l.c. fuq isimhom biex il-partijiet setgħu iħallsu d-dejn. Huma ħadu self ta' Lm4800 sabiex il-konjuġi B C ħallsu d-dejn ma' Oak Limited u self ieħor ta' Lm3400 biex il-konjuġi B C iħallsu ammont dovut minn Caseta Investments Limited lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Hija esebiet dokumenti[41] li jindikaw li effettivament il-ġenituri tagħha ħadu dan is-self, liema self ingħata bl-iskop ta' "home improvements". L-attriċi ssostni li kienet qiegħda tħallas dan is-self ma' HSBC weħidha mill-paga tagħha. Dwar dan id-dejn omm l-attriċi, F F[42] tikkonferma li hija u żewġha ħadu self darbtejn biex setgħu jgħinu lil binthom u żewġha.
- Euro Imports Limited C-26684 akkumulat dejn ta' Lm5569 mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Dana kellu jitħallas bir-rata ta' Lm176 kull xahar ekwivalenti għal €410 mensilment. L-attriċi ħallset mill-inqas sittax-il pagament, u tagħhom esebiet l-irċevuti relattivi[43]. Il-konvenut ħallas ukoll lid-Dipartiment is-somma ta' €1503.56[44].
- Dejn tal-konjuġi personalment favur il-Bank of Valletta p.l.c. li laħħaq is-somma globali ta' Lm79,054.37. [45] Dan id-dejn ġie mħallas mir-rikavat tal-bejgħ tal-Villa u l-Bank kreditur ta l-kunsens tiegħu għall-kanċellament tal-ipoteki relattivi[46].
- Euro Imports Limited akkumulat ukoll is-somma ta' Lm94,124.61 f'dejn mal-Bank of Valletta p.l.c.[47] Dan id-

[39] Kuntratt ta' kanċellament iddatat is-17 ta' Marzu 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella bin-numru tal-Iskrizzjoni 1984/2011, fol. 122
[40] Fl-affidavit ulterjuri tagħha, fol 56
[41] Dok. D1 fol. 124 u Dok. D2 fol. 127
[42] Affidavit fol. 35
[43] Fol. 133 et seq.
[44] Riċevuta esebita fol. 519
[45] Kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Clarissa Cuschieri iddatat is-26 t'April 2006, Numru ta' Iskrizzjoni 8854/2006, fol. 137
[46] Kanċellament R. 4973/2007, fol. 525
[47] Kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Clarissa Cuschieri iddatat is-26 t'April 2006, Numru ta' Iskrizzjoni 8855/2006, fol. 141

dejn ġie mħallas mir-rikavat tal-bejgħ tal-Villa u l-Bank kreditur ta l-kunsens tiegħu għall-kanċellament tal-ipoteki relattivi[48].

- Il-konjuġi B C ġew kanonizzati debituri ta' George u martu Edith Scerri permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 t'Ottubru 2012[49], fl-ammont ta' €11,180.99 rappreżentanti kirjiet tal-fond 3, Richmond Court, Triq Għar il-Lembi, Sliema, flimkien mal-ispejjeż.
- Il-konjuġi B C u s-soċjeta' Euro Imports Limited ġew kanonizzati debituri ta' United Acceptances Finance Limited wara ittra uffiċjali nnumerata 4733/2007 u ddatata l-14 t'Awwissu 2007, fl-ammont ta' €978.34, rappreżentanti import ta' ħames kambjali, flimkien mal-ispejjeż.
- Il-konjuġi B C u s-soċjeta' Euro Imports Limited ġew kanonizzati debituri ta' United Acceptances Finance Limited wara ittra uffiċjali nnumerata 4729/2007 u ddatata l-14 t'Awwissu 2007, fl-ammont ta' €782.67, rappreżentanti import ta' erba' kambjali, flimkien mal-ispejjeż.
- Il-konjuġi B C flimkien ma' Nikki F qua diretturi ta' Euro Imports Limited għandhom debitu mad-Dipartiment tat-Taxxi interni u dana stante illi is-soċjeta ma ppreżentatx ir-returns tat-taxxa għal diversi snin u għaldaqstant id-Dipartiment ikun ħareġ stima tat-taxxa dovuta, bl-interessi fuqhom. Illi meta d-dipartiment jirċievi r-returns relattivi, l-ammont dovut jiġi aġġustat.[50]
- Il-konjuġi B C qua diretturi ta' Caseta Investments Limited għandhom debitu mad-Dipartiment tat-Taxxi interni u dana stante illi is-soċjeta' ma ppreżentatx ir-returns tat-taxxa għal diversi snin u għaldaqstant id-Dipartiment ikun ħareġ stima tat-taxxa dovuta, bl-interessi fuqhom.[51]

---

[48] Kanċellament R. 4973/2007, fol. 525

[49] Rikors Ġuramentat: 547/2007AF, fol. 535

[50] Xiehda ta' John Micallef in rappreżentanza tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fid-19 ta' Lulju 2016, fol. 689.

[51] Xiehda ta' John Micallef in rappreżentanza tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fl-14 t'Ottubru 2016, fol. 711.

Kumpaniji

Il-partijiet kienu attivisti u diretturi ta' tliet soċjetajiet kummerċjali u cioe Euro Imports Limited C-26684, Euro Exports Limited C-30367 u Caseta Investments Limited C-24965. Fil-kumpanija Euro Imports Limited, għandu sehem ukoll, flimkien ma' Caseta Invetsments Limited, ħu l-attriċi, Nikki F. Dawn it-tliet soċjetajiet huma preżentement indikati mar-Reġistratur tal-Kumpaniji bħala "Inactive – not submitting documents" imma għadhom m'humiex struck off. Il-konvenut jixhed illi l-kumpaniji waqfu jinnegozjaw fl-2004. Il-kumpanija Euro Imports Limited jidher li għad għandha fil-pussess tagħha tliet vetturi Citroen Berlingo bin-numri tar-reġistrazzjoni EUR022, EUR033 u Eur044 bil-liċenzja tagħhom m'hijiex imġedda[52].

APPREZZAMENT TAL-QORTI

1. Il-Qorti qiegħda taċċetta l-verżjoni tal-konvenut dwar il-propjeta' parafernali tas-Swieqi bħala veritiera u qiegħda temmen illi l-istess propjeta' ġiet akkwistata u wkoll kompluta (finished) minn fondi parafernali tal-konvenut. Illi l-propjeta' inbiegħet għall-prezz ta' Lm43,000 liema prezz ġie vversat fil-komunjoni tal-akkwisti, li għalhekk hija debitriċi tal-konvenut fl-ammont ta' mitt elf, mija u tlieta u sittin Ewro (€100,163) ekwivalenti għal Lm43,000.

2. L-oġġetti li l-attriċi ġiet kostretta tirhan biex il-partijiet setgħu ħallsu d-dejn li kellhom, kienu jagħmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk l-attriċi m'għandha l-ebda dritt ta' rimbors għaliex assi tal-komunjoni tal-akkwisti intużaw biex jitħallas dejn gravanti l-istess komunjoni. Jekk l-istess oġġetti setgħu kienu rigali, l-attriċi tilfet id-dritt li tirkuprahom, bħala effett tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 48(1)(b).

[52] Kif jirriżulta mix-xiehda ta' Karin Cremona in rappreżentanza ta' Transport Malta mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2016, fol. 641.

3. Id-depożitu li l-partijiet għamlu fuq l-appartament ġewwa Fort Cambridge kien ġej minn assi tal-komunjoni. Għalhekk il-konvenut m'għandu l-ebda dritt ta' rimbors tal-istess depożitu anke jekk l-istess assi kienu ġew mill-ħidma tiegħu. Il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet għadha effettivement viġenti sal-preżenti.

4. L-istess jingħad għall-pagamenti li l-partijiet għamlu mill-ħidma tagħhom biex jitħallsu djun tagħhom personalment u/jew ta' Euro Imports Limited lill-banek, lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u tal-V.A.T kif ukoll lill-ġenituri tal-attriċi. Jirriżulta hawnhekk ukoll il-fondi tal-komunjoni tal-akkwisti ġew użati biex jitħallsu d-djun tal-istess komunjoni u ħadd mill-partijiet m'għandu dritt ta' rimbors għall-ammonti li ħallsu.

5. Il-Qorti m'hijiex f'pożizzjoni li taqsam u tassenja l-oġġetti mobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, bħalma hija l-għamara, in vista li l-provi dwar min effettivament għandu l-pussess tal-istess oġġetti huma konfliġġenti.

6. Irriżulta ippruvat illi l-konvenut qabel iż-żwieġ kellu diversi vetturi u wkoll dgħajsa. Dawn fiż-żwieġ ġew imparta ma' vetturi oħra, jew inkella ir-rikavat tagħhom intuża fis-soċjeta' Euro Imports Limited jew għall-iżvilupp tal-villa fis-Swieqi. Il-Qorti m'għandhiex valutazzjoni tal-istess vetturi għajr tal-Golf GL li nbiegħet għall-prezz ta' Lm6,500 u tad-dgħajsa li nbiegħet għal Lm9,000. Il-Qorti hija tal-fehma illi għalhekk il-komunjoni tal-akkwisti hija debitriċi tal-konvenut fl-ammont ta' sitta u tletin elf, mija u ħames Ewro (€36,105) ekwivalenti għal Lm15,500. Dwar il-vetturi li tagħhom ma nġibietx valutazzjoni, il-Qorti ser tikkumpensa lill-konvenut billi jiġi assenjat il-vetturi li preżentement jinsabu fil-pussess tiegħu u cioe il-BMW 330 bin-numru tar-reġistrazzjoni FBQ747 u r-Renault Scenic bin-numru tar-reġistrazzjoni JCA999. L-attriċi għandha tiġi assenjata il-vettura li hija għandha fil-pusess tagħha u li preżentement hija rreġistrata fuq Caseta Investment Limited u cioe il-vettura tal-għamla Fiat Bravo bin-numru tar-reġistrazzjoni RCA999.

7. Bħala djun tal-komunjoni tal-akkwisti jirriżulta li għad baqa' dovut:
    a. l-ammont ta' €11,180.99 lil George u martu Edith Scerri rappreżentanti kirjiet tal-fond 3, Richmond Court, Triq Għar il-Lembi, Sliema, flimkien mal-ispejjeż.
    b. l-ammont ta' €978.34 lil United Acceptances Finance Limited rappreżentanti import ta' ħames kambjali, flimkien mal-ispejjeż.
    c. l-ammont ta' €782.67 lil United Acceptances Finance Limited rappreżentanti import ta' erba' kambjali, flimkien mal-ispejjeż.
    d. Ammont mhux magħruf dovut mill-konjuġi B C flimkien ma' Nikki F qua diretturi ta' Euro Imports Limited lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. L-ammont jiġi kkonfermat meta jinbagħtu r-returns relattivi.
    e. Ammont mhux magħruf dovut mill-konjuġi B C qua diretturi ta' Caseta Investments Limited lid-Dipartiment tat-Taxxi interni. L-ammont jiġi kkonfermat meta jinbagħtu r-returns relattivi.
    f. Spejjeż fl-inċirka ta' €4,000 dovuti li Gap Developments Limited;

8. Bħala assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti għad fadal:
    a. Is-somma ta' wieħed u tmenin elf u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€81,090.81) jew somma oħra verjuri li tirriżulta ddepożitata f'kont bankarju miżmum mal-Bank of Valletta p.l.c. innumerat erbgħa żero żero wieħed sitta wieħed tlieta tnejn tlieta tmienja tmienja (40016132388) f'isem l-Avukati Dottor Patrick J. Galea u Dottor J L. Gauci.
    b. Somma ddepożitata mar-Reġistratur tal-Qrati relattiva mad-debitu li l-partijiet għandhom mal-konjuġi Scerri possibilment permezz taċ-ċedola ta' depożitu nnumerata 734/2007[53].

[53] Jingħad "possibilment" in vista li l-istess ċedola ma ġietx esebita.

c. L-ishma f'Caseta Investments Limited u l-vetturi li għadhom reġistrati f'isem l-istess kumpanija.

Għaldaqstant bis-saħħa tal-preżenti, l-Qorti qiegħda **tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B C** u tordna dan li ġej:

1. Kull parti tkun sid tal-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f'isimha, kemm l-attiv u wkoll il-passiv;

2. Kull parti tkun sid esklussiv ta' kwalunkwe oġġett mobbli li jinsab fil-pussess tagħha u li sal-lum kien jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

3. Il-konvenut qiegħed jiġi assenjat il-vetturi tal-għamla BMW 330 bin-numru tar-reġistrazzjoni FBQ747 u r-Renault Scenic bin-numru tar-reġistrazzjoni JCA999.

4. L-attriċi qiegħda tiġi assenjata il-vettura tal-għamla Fiat Bravo bin-numru tar-reġistrazzjoni RCA999.

5. Sabiex jiġi estint il-kreditu parafernali tal-konvenut fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti fir-rigward tal-vettura Golf u tad-dgħajsa fl-ammont ta' sitta u tletin elf, mija u ħames Ewro (€36,105) ekwivalenti għal Lm15,500, l-attriċi qiegħda tiġi assenjata
   a. l-ishma kollha f'Caseta Investments Limited, magħhom kompriż kwalsiasi vettura rreġistrata fuq l-istess kumpanija, il-penali dovuti fuq il-liċenzji tal-istess vetturi, u d-debitu kollu li l-istess soċjeta' għandha u jista' jkollha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u possibilment ma' terzi oħrajn;
   b. id-debitu kollu li l-partijiet qua diretturi u azzjonisti tas-soċjeta' Euro Imports Limited għandhom u għad jista' jkollhom mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u possibilment ma' terzi oħrajn;

   Il-Qorti tiddikjara illi b'effett mill-preżenti, il-konvenut D B C, m'għadux direttur tas-soċjetajiet Caseta Investments Limited u Euro Imports Limited u

qiegħed jiġi meħlus minn kwalsiasi obbligazzjoni, inkluż dawk naxxenti u riżultanti qabel id-data tal-preżenti, gravanti l-istess soċjetajiet, li għandhom ikunu esklussivament a karigu tal-attriċi u tad-diretturi l-oħra.

6. Sabiex jiġi estint il-kreditu li l-konvenut għandu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti fl-ammont ta' mitt elf mija u tlieta u sittin Ewro (€100,163) ekwivalenti għal Lm43,000 rappreżentanti l-valur tal-maisonette parafernali fis-Swieqi,
    a. l-istess konvenut qiegħed jiġi  assenjat is-somma ta' wieħed u tmenin elf u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€81,090.81) jew somma oħra verjuri li tirriżulta ddepożitata f'kont bankarju miżmum mal-Bank of Valletta p.l.c. innumerat erbgħa żero żero wieħed sitta wieħed tlieta tnejn tlieta tmienja tmienja (40016132388) f'isem l-Avukati Dottor Patrick J. Galea u Dottor J L. Gauci.
    b. L-attriċi qiegħda tiġi assenjata:
        i. is-Somma ddepożitata mar-Reġistratur tal-Qrati relattiva mad-debitu li l-partijiet għandhom mal-konjuġi Scerri possibilment permezz taċ-ċedola ta' depożitu nnumerata 734/2007.
        ii. Id-debitu fl-ammont ta' €11,180.99 lil George u martu Edith Scerri rappreżentanti kirjiet tal-fond 3, Richmond Court, Triq Għar il-Lembi, Sliema, flimkien mal-ispejjeż.
        iii. Id-debitu fl-ammont ta' €978.34 lil United Acceptances Finance Limited rappreżentanti import ta' ħames kambjali, flimkien mal-ispejjeż.
        iv. Id-debitu fl-ammont ta' €782.67 lil United Acceptances Finance Limited rappreżentanti import ta' erba' kambjali, flimkien mal-ispejjeż.
        v. Spejjeż fl-inċirka ta' €4,000 dovuti lil Gap Developments Limited;

7. Tordna illi s-servizz tad-dawl u l-ilma tal-fond "Swieqi Residential Complex, Flat 3, Triq il-Qatta, Swieqi"

jitneħħa minn fuq isem l-attriċi u tawtorizzaha sabiex taqta' il-provvižta tas-servizz, fl-eventwalita' li l-konvenut jibqa' jirrifjuta li jagħmel is-servizz fuq ismu;

## 5. Dwar Kunjom ir-Rikorrenti

Ir-rikorrenti fil-ħames talba tagħha titlob lill-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha F. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B C, bi ħtijiet ta' sevizzi u nġurji gravi imputabbli lill-konvenut, u ħtija t'adulterju imputabbli lill-attriċi;

[2] Tiċħad it-tieni talba attriċi;

[3] Tilqa' t-tielet talba attriċi billi qiegħda **tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B C** u tordna dan li ġej:

1. Kull parti tkun sid tal-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f'isimha, kemm l-attiv u wkoll il-passiv;

2. Kull parti tkun sid esklussiv ta' kwalunkwe oġġett mobbli li jinsab fil-pussess tagħha u li sal-lum kien jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

3. Il-konvenut qiegħed jiġi assenjat il-vetturi tal-għamla BMW 330 bin-numru tar-reġistrazzjoni FBQ747 u r-Renault Scenic bin-numru tar-reġistrazzjoni JCA999.

4. L-attriċi qiegħda tiġi assenjata il-vettura tal-għamla Fiat Bravo bin-numru tar-reġistrazzjoni RCA999.

5. Sabiex jiġi estint il-kreditu parafernali tal-konvenut fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti fir-rigward tal-vettura Golf u tad-dgħajsa fl-ammont ta' sitta u tletin elf, mija u ħames Ewro (€36,105) ekwivalenti għal Lm15,500, l-attriċi qiegħda tiġi assenjata
    a. l-ishma kollha f'Caseta Investments Limited, magħhom kompriż kwalsiasi vettura rreġistrata fuq l-istess kumpanija, il-penali dovuti fuq il-liċenzji tal-istess vetturi, u d-debitu kollu li l-istess soċjeta' għandha u jista' jkollha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u possibilment ma' terzi oħrajn;
    b. id-debitu kollu li l-partijiet qua diretturi u azzjonisti tas-soċjeta' Euro Imports Limited għandhom u għad jista' jkollhom mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u possibilment ma' terzi oħrajn;

    Il-Qorti tiddikjara illi b'effett mill-preżenti, il-konvenut D B C, m'għadux direttur tas-soċjetajiet Caseta Investments Limited u Euro Imports Limited u qiegħed jiġi meħlus minn kwalsiasi obbligazzjoni, inkluż dawk naxxenti u riżultanti qabel id-data tal-preżenti, gravanti l-istess soċjetajiet, li għandhom ikunu esklussivament a karigu tal-attriċi u tad-diretturi l-oħra.

6. Sabiex jiġi estint il-kreditu li l-konvenut għandu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti fl-ammont ta' mitt elf mija u tlieta u sittin Ewro (€100,163) ekwivalenti għal Lm43,000 rappreżentanti l-valur tal-maisonette parafernali fis-Swieqi,
    a. l-istess konvenut qiegħed jiġi assenjat is-somma ta' wieħed u tmenin elf u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€81,090.81) jew somma oħra verjuri li tirriżulta ddepożitata f'kont bankarju miżmum mal-Bank of Valletta p.l.c. innumerat erbgħa żero żero wieħed sitta wieħed tlieta tnejn

tlieta tmienja tmienja (40016132388) f'isem l-Avukati Dottor Patrick J. Galea u Dottor J L. Gauci.

b. L-attriċi qiegħda tiġi assenjata:
    i. is-Somma ddepożitata mar-Reġistratur tal-Qrati relattiva mad-debitu li l-partijiet għandhom mal-konjuġi Scerri possibilment permezz taċ-ċedola ta' depożitu nnumerata 734/2007.
    ii. Id-debitu fl-ammont ta' €11,180.99 lil George u martu Edith Scerri rappreżentanti kirjiet tal-fond 3, Richmond Court, Triq Għar il-Lembi, Sliema, flimkien mal-ispejjeż.
    iii. Id-debitu fl-ammont ta' €978.34 lil United Acceptances Finance Limited rappreżentanti import ta' ħames kambjali, flimkien mal-ispejjeż.
    iv. Id-debitu fl-ammont ta' €782.67 lil United Acceptances Finance Limited rappreżentanti import ta' erba' kambjali, flimkien mal-ispejjeż.
    v. Spejjeż fl-inċirka ta' €4,000 dovuti lil Gap Developments Limited;

7. Tordna illi s-servizz tad-dawl u l-ilma tal-fond "Swieqi Residential Complex, Flat 3, Triq il-Qatta, Swieqi" jitneħħa minn fuq isem l-attriċi u tawtorizzaha sabiex taqta' il-provvżta tas-servizz, fl-eventwalita' li l-konvenut jibqa' jirrifjuta li jagħmel is-servizz fuq ismu;

[4] Tiċħad ir-raba' talba tar-rikorrenti;

[5] Tilqa' l-ħames talba tar-rikorrenti u tawtorizzaha tirriverti għal kunjom xbubitha F ;

[6] Tilqa' s-sitt talba attriċi billi tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

[7] Tilqa' t-talbiet kollha tal-konvenut rikonvenzjonant sakemm m'humiex inkompatibbli mal-kumplament ta' din id-deċiżjoni;

Bl-ispejjeż ikunu sopportati in kwantu għal terz mill-konvenut D B C u żewġ terzi mill-attriċi A F;